**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Ġunju, 2024

Rikors Ġuramentat: 135/22AL

**A *sive* A B**

**vs.**

**C B**
**D *sive* D E**
**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur fejn ippremetta s-segwenti:

*1. Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta D sive D E fl-14 ta' Dicembru 1991 gewwa l-Knisja ta' Hal-Balzan liema zwieg gie sussegwentement*

[1] Fol. 1.

*annullat permezz ta' sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet "A B vs D B" (2035/2000RCP) fit-28 t'Ottubru 2004 (Dok. A) u kif ukoll mit-Tribunal Ekklesjastiku fid-29 ta' April 2005 (Dok. B1) hekk kif ikkonfermata mit-Tieni Istanza fl-14 ta' Dicembru 2006 (Dok. B2);*

*2. ILLI kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-konvenuta D sive D E fil-11 t'Awissu 2000 ammettiet mal-attur illi hija kellha relazzjoni maz-ziju tar-rispett tal-attur, certu F G sa' minn qabel iz-zwieg, tant hu hekk illi sussegwentement irrizulta illi z-zewgt itfal li kienu twieldu matul il-hajja matrimonjali taghhom, ma kienux it-tfal naturali u bijologici tal-attur u dan gie kkonfermat fis-sentenza "A B vs D B et." (2354/2000 RCP) moghtija fit-30 ta' Gunju 2004 (Dok. C);*

*3. ILLI fit-13 t'Awissu 2000 il-konvenuta E telqet mid-dar matrimonjali u hadet maghha z-zewgt itfal H u I u marret tikkoabita mal-imsemmi F G u ma regghetx irritornat lura lejn id-dar matrimonjali;*

*4. ILLI fl-24 t'Awwissu 2000 l-esponent intavola l-proceduri ta' separazzjoni, dak iz-zmien fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili (hawn anness kopja legali tad-digriet datat il-5 ta' Dicembru 2000 Dok. D 1) u susegwentement l-konvenuta D sive D E fis-6 ta' Settembru 2000 ghamlet l-istess ((hawn anness kopja legali tad-digriet datat il-5 ta' Dicembru 2000 Dok. D 2) fejn il-Qorti cahdet it-talba taghha ghall-manteniment taghha u kif ukoll ta' uliedha "in vista tac-cirkostani li irrizultaw lill Qorti fl-udjenza tallum."*

*5. ILLI minn din ir-relazzjoni extra-maritali, kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid li jgib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 4117/2001, hawn anness u mmarkat bhala Dok E, il-konvenuta weldet lill-konvenuta C B fil-15 t'Ottubru 2001;*

*6. ILLI fic-Certifikat tat-Twelid suriferit, l-attur gie indikat bhala missier il-konvenuta C B meta huwa jinstab cert illi, bhala stat ta' fatt, dan mhux il-kaz;*

*7. ILLI għalhekk huwa mehtieg illi jigi ddikjarat illi l-attur mhux il-missier naturali u bijologiku ta-konvenuta C B, kif ukoll illi jsiru l-korrezzjonijiet*

*kollha necessarji fic-Certifikat tat-Twelid registrat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;*

*8. ILLI ghalhekk l-attur ghandu interess li jipprocedi sabiex tigi denegata l-paternita' ta' l-imsemmija konvenuta C B skond il-ligi.*

*9. ILLI l-esponent gie awtorizzat sabiex jipprezenta l-proceduri odjerni b'digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti moghti fil- 15 ta' Gunju 2022 (Dok. F) in segwitu ta' rikors ipprezentat minnu fit-3 ta' Mejju 2022 ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*GHALDAQSTANT ir-rikorrent umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*I. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuta C B li twieldet lill-konvenuta E nhar il-15 t'Ottubru 2001 mhijiex il-wild naturali u bijologika ta' l-attur, previa okkorrendo bl-opera ta' Periti Teknici u kif ukoll permezz ta' dawk it-testijiet u verifiki genetici u xjentifici kontemplati mill-Artikolu 70 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi jistghu jigu ordnati minn dina l-istess Qorti u kondotti mill-Periti Teknici talvolta nominati;*

*II. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-imsemmija C B li jgib in-numru progessiv ta' registrazzjoni 4117/2001 sabiex isem l-attur ma jibqax jidher fuq l-istess Certifikat tat twelid.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata[2] tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li eċċepixxa s-segwenti:

*1. Illi preliminarjament, l-attur ma ddikjarax taħt liema artikolu tal-liġi qed isejjes il-kawża istanti, u għaldaqstant ikun ta' benefiċċju illi jagħmel dan.*

[2] Fol. 114.

*L-esponent jirriserva minn issa d-dritt illi jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk tirriżulta l-ħtieġa;*

*2. Illi bla ħsara għas-suespost, l-esponent qed jassumi illi din il-kawża ġiet intavolata ai termini tal-artikolu 70(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-kawża istanti titratta proprju denegata paternità;*

*3. Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li huwa mhuwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors guramentat;*

*4. Illi fi kwalunkwe każ, sabiex tirnexxi l-azzjoni proposta mir-rikorrent, jeħtieġ illi huwa jipprova u jissodisfa mill-inqas waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-artikolu 70 sub-inċiż 1 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal tali fini, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet genetici kif ipprovdut fl-artikolu 70A(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tiġi vverifikata l-allegazzjoni tal-attur li huwa mhux il-missier bijoloġiku tal-intimata C B. F'tali cirkostanza, l-esponent, stante li m'għandux x'jaqsam mal-mertu tal-kawża istanti, jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji;*

*5. Illi jeħtieġ ukoll li l-attur jegħleb il-preżunzjoni legali maħluqa tramite l-artikolu 81 tal- Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi b'mod adegwat u konvincenti juri li l-pussess ta' stat ta' C B ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha;*

*6. Illi fir-rigward tat-talbiet attrici, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l- Onorabbli Qorti, salv illi l-provi miġjubin ikunu l-aħjar f' għajnejn il-liġi, iżda jirrileva illi C B twieldet fil-15 t'Ottubru 2001, u għalhekk għandha ssir id-debita korrezzjoni fl-ewwel talba attrici ai termini tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li d-data tat-twelid tagħha giet erronjament indikata bħala d-19 t'Ottubru 2001;*

*7. Illi subordinatament, u dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi, l-esponent jirrileva li minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru ta' reġistrazzjoni 4117/2001 għandhom jitneħħew u jiġu kkanċellati l-konnotati kollha tar- rikorrent u mhux ismu*

*biss, u għandhom jitneħħew ukoll il-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem A B fejn hemm indikat it-tagħrif dwar l-omm fl-att tat-twelid ta' C B;*

*8. Illi f'każ li jintlaqgħu t-talbiet attrici, għandu jiġi ddeterminat ukoll b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-intimata C B;*

*9. Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u għaldaqstant huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa jiġi inġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid ta' C B bin-numru progessiv 4117 tas-sena 2001;[3]

Rat illi kif ingħad fl-udjenza tal-1 ta' Frar 2023[4] għalkemm debitament notifikati l-konvenuti C B u D *sive* D E ma ntavolawx risposta u għalhekk huma kontumaċi;

Rat illi fl-istess udjenza l-attur talab korrezzjoni fir-rikors ġuramentat fis-sens li fl-ewwel talba fejn hemm referenza li C B twiedet fid-19 ta' Ottubru 2001 għandu jaqra 15 ta' Ottubru 2001 u l-Qorti filwaqt li laqgħet it-talba ordnat in-notifika lill-konvenuti tar-rikors kif korrett;

Rat ir-risposta ġuramentata[5] tal-konvenuta D (Maria Dolores) *sive* D E li biha eċċepiet:

*1. Illi l-konvenuta nhar l-14 ta' Dicembru 1991 izzewget lill-attur A sive A B gewwa l-Knisja ta' Hal Balzan, liema zwieg gie sussegwentament annullat nhar it-28 ta' Ottubru 2004 permezz ta' sentenza moghtija fil-*

[3] Fol. 101.
[4] Fol. 129.
[5] Fol. 131.

*kawza fl-ismijiet "A B vs D B" (2035/2000RCP) u aktar il-quddiem u coje fid-29 ta' April 2005 mit-Tribunal Ekklesjastiku, hekk kif ikkonfermata mit-Tieni Istanza nhar 1-14 ta' Dicembru 2006;*

*2. Illi l-konvenuta fil-hajja matrimonjali taghha mal-attur kellha zewgt ulied u coje H u I izda liema fuq ammissjoni tal-konvenuta stess l-ulied mhumiex l-ulied naturali u bijologici tal-attur, liema fatti gewwa ikkonfermati fis-sentenza moghtija nhar it-30 ta' Gunju 2004 fl-ismijiet "A B vs D B et." (2354/2000RCP);*

*3. Illi l-konvenuta nhar it-13 t' Awwissu 2000 flimkien maz-zewgt ulied u coje H u I telqet mid-dar matrimonjali u marret tikkoabita ma' F G li mieghu kellha relazzjoni sa minn qabel iz-zwieg taghha mal-attur u qatt ma irritornat lura fid- dar matrimonjali;*

*4. Illi nhar il-15 ta' Ottubru 2001, il-konvenuta tul ir-relazzjoni extra-maritali illi kellha ma' F G kellha wild iehor u coje C B detentrici tal-Karta tal-Identità bin-numru 411701L hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid pprezentat u anness mar-rikors promotur tal-attur;*

*5. Illi l-konvenuta hija certa illi l-missier naturali ta' C B bl-ebda mod ma jista' jkun A B anke stante illi fiz-zmien ta' koncepiment, il-konvenuta ma kellha l-ebda forma ta' relazzjoni jew kuntatt mal-attur;*

*6. Illi l-konvenuta fl-ebda istanza u bl-ebda mod qatt ma qalet illi l-missier bijologiku ta' C B huwa A B;*

*7. Illi l-konvenuta sew mal-attur u sew mat-tifla C B dejjem qalet l-istess verzjoni u coje illi l-missier naturali u bijologiku ta' C m'huwiex A B u konsegwentament, il-minuri qatt ma kellha relazzjoni paternali ma' A B;*

*8. Illi l-konvenuta ghamlet diversi tentattivi mal-attur sabiex jersqu 'l quddiem sabiex jigi regolat ic-certifikat tat-twelid ta' C u isiru l-korrezzjonijiet necessarji fuq ic- certifikat tat-twelid taghha li jgib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 4117/2001 biex b'hekk dan ikun wiehed illi jirrifletti r-realta' f'dak illi jirrigwarda l-missier bijologiku tal-istess C B;*

*9. Illi l-konvenuta tramite l-avukat Michael Tanti Dougall, l-avukat ta' fiducja taghha f'dak il-perjodu, nhar is-7 ta' Settembru 2017 baghtet ittra legali lill-attur sabiex javvicina avukat tal-fiducja tieghu sabiex jersaq 'il quddiem biex jigi regolat c-certifikat tat-twelid ta' C li kien u ghadu jindika lill-attur bhala l-missier bijologiku taghha, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK 'A', filwaqt illi l-ircevuta tal-hlas tal-istess ittra registrata qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK 'B';*

*10. Illi minkejja dawn it-tentattiv min-naha tal-konvenuta, l-attur baqa' inadempjenti bil-konsegwenza illi c-certifikat tat-twelid ta' C B ghadu jidentifika lill-attur bhala l-missier bijologiku minkejja illi sew l-attur u sew l-konvenuta huma certi illi dan mhuwiex;*

*11. Illi hekk kif ser jigi muri waqt il-mori ta' dawn il-proceduri odjerni, l-konvenuta inkarigat lil Christopher Farrugia, Consultant Forensic Scientist sabiex jaghmel it-testijiet kollha necessarji sabiex jikkonferma illi A B mhuwiex il-missier bijologiku ta' C B,*

*Ghaldaqstant, il-konvenuta filwaqt illi ma hix qieghda topponi ghat-talbiet tal-attur stante illi huwa fl-interess tal-attur, tal-attrici u izjed u izjed tat-tifla C B illi jsiru l- korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fic-Certifikat tat-Twelid tal-imsemmija C B, liema certifikat igib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 4117/2001, gentilment qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgogbha:*

*1. TORDNA li l-attur ma jibqax jidher bhala l-missier naturali u bijologiku fuq l-istess Certifikat tat-Twelid;*

*2. TORDNA lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji sabiex C tiehu kunjom ommha, u coje E stante illi hija wild ta' missier mhux maghruf biex b'hekk ic-certifikat tat-twelid ta' C ikun jindika illi hija C E.*

*Bl-ispejjez.*

Rat ir-risposta ġuramentata[6] tal-konvenuta Mylene B li biha eċċepiet:

*1. Illi l-konvenuta twieldet fil-ħmistax (15) ta' Ottubru elfejn u wiehed (2001), u stante illi ż-żwieġ bejn l-omm u l-attur gie annullat fis-sena elfejn u erbgħa (2004), il- konvenuta giet awtomatikament mogħtija l-kunjom ta' B u dan ġie rikonoxxut fuq iċ-ċertifikat tat-twelid bħala l-missier bijoloġiku tal-istess konvenuta;*

*2. Illi l-konvenuta dejjem kienet magħrfa li mhijiex il-bint bijoloġika ta' A sive A B, u konsegwentament, qatt ma kellha relazzjoni paternali mal-istess attur;*

*3. Illi omm il-konvenuta, cioe' D (Maria Dolores) sive D E ghamlet diversi tentattivi mal-attur sabiex jersqu 'l quddiem sabiex jigi regolat ic-certifikat tat- twelid ta' C u isiru l-korrezzjonijiet necessarji fuq ic-certifikat tat-twelid taghha li jgib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 4117/2001 biex b'hekk dan ikun wiehed illi jirrifletti r-realta' f'dak illi jirrigwarda l-missier bijologiku tal-istess konvenuta;*

*4. Illi l-konvenuta għandha a konoxxenza tagħha informazzjoni illi ommha tramite l-avukat Michael Tanti Dougall, l-avukat ta' fiducja tagħha f'dak il-perjodu, nhar is-7 ta' Settembru 2017 baghtet ittra legali lill-attur sabiex javvicina avukat tal-fiducja tieghu sabiex jersaq 'il quddiem biex jigi regolat c-certifikat tat-twelid tal-konvenuta li kien u ghadu jindika lill-attur bhala l-missier bijologiku taghha;*

*5. Illi minkejja dawn it-tentattiv min-naha ta' omm il-konvenuta, l-attur baqa' inadempjenti bil-konsegwenza illi c-certifikat tat-twelid tal-konvenuta ghadu jidentifika lill-attur bhala l-missier bijologiku minkejja illi sew l-attur u sew omm il- konvenuta huma certi illi dan mhuwiex minnu;*

*6. Illi hekk kif ser jigi muri waqt il-mori ta' dawn il-proceduri odjerni, omm il-konvenuta inkarigat lil Christopher Farrugia, Consultant Forensic Scientist sabiex jaghmel it-testijiet kollha necessarji sabiex jikkonferma illi A B mhuwiex il-missier bijologiku tal-konvenuta;*

[6] Fol. 137.

*7. Illi l-konvenuta ma għandha l-ebda pretensjonijiet fil-konfront ta' A B, stante illi taf li mhuwiex missierha,*

*GHALDAQSTANT, il-konvenuta filwaqt illi ma hix qieghda topponi ghat-talbiet tal-attur stante illi huwa fl-interess tagħha illi jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fic- Certifikat tat-Twelid tagħha, liema certifikat igib in-numru progressiv ta' registrazzjoni 4117/2001, qiegħdha gentilment titlob lil din l-onorabbli Qorti:*

*i) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaffettwa il-korrezzjonijiet kollha neċessarji u opportuni fic-Certifikat tat-Twelid tal-Konvenuta, sabiex b'hekk isem l-attur ma jibqax jidher fuq l-imsemmi Certifikat tat-twelid tagħha;*

*ii) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jordna l-korrezzjoni u bdil tal-kunjom tal- istess konvenuta, minn B għal kunjom ommha, u cioe, E, sabiex b'hekk ic-ċertifikat tat-twelid tagħha ikun jaqra C E.*

*Bl-ispejjez*

Rat kopja tar-rikors tat-3 ta' Mejju 2022[7] u d-digriet tal-15 ta' Ġunju 2022[8] li bih il-Qorti tat l-awtorizzazzjoni lill-attur sabiex jipproċedi b'din il-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum[9];

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

[7] Fol. 103.
[8] Fol. 110.
[9] Verbal tad-29 ta' Frar 2024 a. fol. 155.

Il-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mill-attur, fejn qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara illi huwa ma huwiex il-missier bijoloġiku u naturali tal-konvenuta C B. Huwa jikkontendi li żżewweġ lill-konvenuta D *sive* D E fl-14 ta' Diċembru 1991, liema żwieġ ġie annullat ċivilment fit-28 t'Ottubru 2004 u kif ukoll mit-Tribunal Ekkleżjastiku fid-29 ta' April 2005, kkonfermata fit-Tieni Istanza fl-14 ta' Diċembru 2006. Jirrileva illi fil-11 t'Awwissu 2000 il-konvenuta ammettiet li kellha relazzjoni maz-ziju tar-rispett tiegħu u fil-fatt irriżulta illi ż-żewġt itfal H u I li kienu twieldu matul il-ħajja matrimonjali tagħhom ma kienux l-ulied naturali tiegħu u fil-fatt dan ġie kkonfermat f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Familja fit-30 ta' Ġunju 2004. Fit-13 t'Awwissu 2000 il-konvenuta telqet bit-tfal tagħhom tikkoabita ma' F G, missier it-tfal, sakemm fil-15 t'Ottubru 2001 hija welldet lill-konvenuta C B u l-attur ġie mniżżel fuq iċ-ċertifikat tat-twelid bħala missier l-istess B meta huwa ċert li mhux il-każ u għalhekk għamel din il-kawża.

Il-konvenuta minn naħa tagħha taqbel mal-fatti kollha kif preżentati mill-konvenut u tgħid li m'għandiex dubju li C B ma hix il-wild naturali tal-attur *stante* li fiż-żmien tal-konċepiment il-konvenuta ma kellha l-ebda forma ta' relazzjoni jew kuntatt mal-attur. Hija tgħid li kienet hi stess li għamlet diversi tentattivi biex tiġi regolata s-sitwazzjoni u jsiru l-korrezzjonijiet neċessarji fuq iċ-ċertifikat tat-twelid iżda l-attur baqa' inadempjenti.

Il-konvenuta l-oħra C B taqbel ukoll li hija ma hiex il-bint naturali ta' l-attur.

Il-Qorti tiddeplora l-fatt li dawn iż-żewġ konvenuti ressqu wkoll talbiet fir-Risposta Ġuramentata tagħhom. Qabel ma tipprosegwi bl-għarbiel ta' din il-kawża, il-Qorti ma tistax ma tissenjelax dak li huwa ovvju proprju li l-iskop ta' Risposta Ġuramentata hija li tilqa' għat-talbiet ta' attur *per via di eccezzione*, u ma jistgħux jitressqu talbiet jekk mhux fil-forma ta' kontro-talba.

Il-Qorti tara li l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fejn jisolleva numru ta' eċċezzjonijiet iżda finalment jirrimetti ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti dwar il-kwistjoni tal-paternità.

## 2. Il-prinċipji legali:

Illi l-preżunzjoni legali illi tarbija konċepita matul iż-żwieġ hija l-wild naturali tal-konjuġi tal-mara li weldet it-tarbija hija biss preżunzjoni *juris tantum* u dan kif ikkonfermat fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Diane Lia *proprio et nomine* vs Mohamed Melikechi u Direttur Registru Pubbliku**, per Onor. Imhallef Dr.Philip Sciberras fejn jingħad illi:

*"Jinsab pacifikament stabbilit illi "din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma wkoll bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att," (Vol. XXXVII P II pg 768); Fi kliem iehor, "il principio 'pater is est quem iustae nuptiae demonstrant' e` applicabile in senso assoluto al solo caso in cui la filiazione fosse provata coll`atto di nascita` e con un possesso di stato conforme allo stesso… (Vide VOL XXIII P II pg 128)"*

Kif jiddikjara l-attur fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2023[10] wara eċċezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-azzjoni odjerna hija msejsa fuq Artikolu 70 tal-Kap 16, li jipprovdi illi r-raġel jista' jiċħad li jagħraf it-tifel imnissel matul iż-żwieġ:

*"(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tal-wild, hu kien fl-impossibbiltà fiżika li jgħammar mal-konjuġi li wiled minħabba li kien 'il bogħod mill-imsemmi konjuġi, jew minħabba xi aċċident ieħor; jew*

*(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment separat mill-konjuġi li wiled: Iżda ma jistax jiċħad lill-wild jekk matul dak iż-żmien ikun reġa' ngħaqad mal-konjuġi tiegħu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*(ċ) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet waħda fit-tnissil; jew*

[10] Fol. 147.

*(d) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-konjuġi li wiled kien għamel adulterju jew kien ħeba t-tqala u t-twelid tal-wild; jew*

*(e)  jekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll jirriżulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu li l-konjuġi huwa l-ġenitur".*

Kif jirriżulta għalhekk din il-lista ma hix kumulattiva (il-liġi tuża l-kelma 'jew') u huwa biżżejjed li l-attur jipprova wieħed minn dawn il-kundizzjonijiet li jipprovdi għalihom dan l-artikolu.

Illi l-artikolu surreferit, għandu jinqara konteswalment ma' l-artikolu 73 tal-istess Kodiċi li jelenka l-perjodu li fih dak il-konjuġi jista' jipprosegwi sabiex jagħmel azzjoni ta' *denegata paternita'*, u *ċioé*:

*"(a) fi żmien sitt xhur mit-twelid, jekk il-konjuġi f'dak iż-żmien kien jinsab f'Malta;*

*(b) fi żmien sitt xhur minn dakinhar li jiġi lura f'Malta, jekk fiż-żmien tat-twelid il-konjuġi kien nieqes minn Malta;*

*(ċ) fi żmien sitt xhur minn dakinhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien ġie lilu moħbi".*

Madanakollu, f'kaz li dak il-konjuġi li ma jkunx ipprosegwa bl-azzjoni ta' *denegata paternita'* entro ż-żmien stipulat, *ai termini* tal-*proviso* tal-Artikolu 73 tal-Kap 16, dak il-konjuġi għandu l-fakoltà li jippreżenta rikors quddiem il-Qorti kompetenti fejn jitlobha l-awtorizzazzjoni meħtieġa sabiex ikun jista' jipprosegwi bil-kawza. Il-Qorti għandha d-diskrezzjoni li tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex dak il-konjuġi jkun jista' jintavola l-azzjoni ta' *denegata paternita'*.

Dak il-konjuġi li jkollu interess jintavola azzjoni ta' *denegata paternita'*, konsegwentament għandu, abbazi tal-Artikolu 75 subinċiz 1 tal-Kap 16, jimxi legalment*: "(a) kontra t-tifel jekk ikun tal-età; jew (b) jekk ma jkunx tal-età jew għal raġuni oħra ma jkunx tajjeb biex joqgħod f'kawża, kontra kuratur  maħtur mill-qorti li quddiemha tinġieb il-kawża: Iżda l-qorti tista'*

*taħtar it-tutur li t-tifel ġa jkollu”*. Madanakollu, subinċiż 2 tal-istess artikolu tal-liġi, jkompli jgħid illi f’kull każ, il-konjuġi l-ieħor għandu jiġi msejjaħ fil-kawża.

F’tali azzjoni, ma jistgħax jonqos li ssir referenza għall-Artikolu 70A subinċiż 1 tal-Kap 16, li jipprovdi:

*“Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild:*
*(a) il-konjuġi jista’ jeħtieġ lill-konjuġi li welled u lill-wild;*

*(b) il-konjuġi li wiled jista’ jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild;*

*(ċ) il-wild jista’ jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u*

*(d) l-allegat ġenitur naturali jista’ jeħtieġ liż-żewġ konjuġi u lill-wild, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.”*

**3. L-Azzjoni Odejrna b’Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:**

It-talba tal-attur hekk imsejsa fuq l-Artikolu 70 *et seq* tal-Kap 16, hija azzjoni fejn l-attur qiegħed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni ġudizzjali ta’ *denagata paternità*, *ċioé* li l-konvenuta C B, ma hix bintu hekk kif ġie mniżżel fl-Atti tat-Twelid tagħha, iżda hija l-wild ta’ terza persuna.

Għal tali talba, l-konvenuta D *sive* D E, fir-risposta ġuramentata tagħha tiddikjara li m’għandha l-ebda oġġezzjoni u tikkonferma li għandhom isiru dawk il-korrezzjonijiet neċessarji fl-Atti tat-Twelid tal-konvenuta C. Madanakollu, hija toġġezzjona għal kap tal-ispejjez u tgħid fis-seduta tal-11 ta’ Ottubru 2023[11] li hija qatt ma qalet li l-attur huwa l-missier bijoloġiku ta’ bintha. Hija tippreżenta wkoll kopja ta’ ittra legali[12] li hija bagħtet lill-attur fis-7 ta’ Settembru 2017 sabiex jipprovdi kopja tad-*DNA Paternity Testing Report* sabiex hi tkun tista’ tintavola proċeduri l-Qorti u jiġi regolat iċ-ċertifikat tat-twelid tal-konvenuta C B.

[11] Fol. 151.
[12] Fol. 135.

Min-naħa l-oħra, l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, fir-risposta ġuramentata tiegħu jeċċepixxi numru ta' eċċezzjonijiet preliminari.

Il-Qorti tevalwa u tara li l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tad-Direttur konvenut ġew sorvolati permezz tad-dikjarazzjoni li saret *seduta stante* fl-1 ta' Ġunju 2023[13] fejn l-attur iddikjara li tali azzjoni qed issir *ai termini* ta' artikolu 70 sub-inċiż 1 tal-Kap 16 u s-sitt eċċezzjoni ġiet ukoll sorvolata *seduta stante* fl-1 ta' Frar 2023[14] fejn il-Qorti awtorizzat il-korrezzjoni fl-ewwel talba tal-attur sabiex ir-referenza għad-data tat-twelid ta' C B taqra 15 ta' Ottubru 2001.

Il-Qorti rat ukoll l-affidavit tal-attur[15] fejn jgħid li l-konvenuta martu kienet telqet mid-dar fit-13 ta' Awwissu 2000 u ħadet liż-żewġt itfal tagħha u marret tikkoabita ma' F G (illum mejjet) u qatt ma reġgħet irritornat id-dar. Fil-15 ta' Ottubru 2001 imbagħad hija welldet lil C B meta kienu diġà ilhom erbatax-il xahar separati *de facto*. Hu jgħid li qatt ma ltaqa' jew kellem lill-konvenuta Mylene u din qatt ma avviċinatu.

Tgħid fil-fatt C B fir-risposta ġuramentata tagħha illi hija dejjem kienet mgħarrfa li mhix il-bint bijoloġiku tal-attur u konsegwentement qatt ma kellha relazzjoni paternali miegħu.
Kif ukoll jiddikjara bil-ġurament Christopher Farrugia[16] li ġie mqabbad sabiex jagħmel test ġenetiku *"Ir-riżultat tat-tqabbil tal-profili ġenetiċi fuq 13-il marker jistabilixxi li F G ma jistax jigi eskluż li hu l-missier bijoloġiku ta' C B...Għalhekk, kull ragel ieħor huwa eskluż li jista' jkun il-missier bijoloġiku ta' C B."*

Kif dejjem irritjeniet il-Qorti f'kawżi ta' din in-natura, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra għalkemm f'dan il-każ il-Qorti hija sodisfatta wkoll illi mid-dikjarazzjonijiet tal-partijiet jirriżulta li huma sodisfaċjenti biex jippruvaw illi l-konvenuta D (Maria Dolores) *sive* D E verament kellha relazzjoni extra-matrimonjali ma' ċertu F G fiż-żmien li twieldet il-konvenuta B.

13 Fol. 147.
14 Fol. 129.
15
16 Fol. 150.

Barra minn hekk, il-ġurispreudenza nostrana f'kawżi ta' din ix-xorta dejjem irritenew illi *"Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 70 fuq citat tirnexxi jehtieg illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti: 1. L-azzjoni promossa mir-ragel tigi istitwita kontra (a) il-mara tieghu (b) u l-wild taghha jew kuratur nominat. 2. Fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jinkixef il-qerq. 3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel."*[17] Applikati dawk ir-rekwiziti għall-kawza odjerna, huwa stat ta' fatt li t-tlett rekwiziti ġew kollha sodisfatti bit-tieni rekwiżit jiġi megħlub bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti li kiseb l-attur qabel fetaħ dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant ma jeżisti l-ebda dubju li l-attur A *sive* A B ma huwiex il-missier naturali u bijoloġiku tal-konvenuta C B. In vista ta' dan, il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it-talbiet tal-attur.

B'referenza għall-ħames eċċezzjoni tad-Direttur konvenut li titkellem dwar il-pussess ta' stat tal-konvenuta C B *ai termini* tal-Artikolu 81 tal-Kap 16, jingħad illi *"huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipproteġi l-istat ta' legittima tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben l-istess konjugi"*.[18] Din il-Qorti tirrileva illi l-azzjoni ta' *denagata paternità* ittentata mill-attur hija waħda minn ħames (5) azzjonijiet permissibbli *ai termini* tal-liġi u ċioé sabiex tiġi attakkata l-paternità tal-ulied, liema azzjonijiet huma s-segwenti:

(i) Ai termini tal-Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-konjuġi li ma wellidx,
(ii) Ai termini tal-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni tista' ssir minn min ikollu interess,
(iii) Ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-allegat missier,

---

[17] Vide sentenzi fl-ismijiet Simon B vs Jacqueline B *pro et noe*, deċiza nhar il-20 ta' Marzu 2013 mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja, u Bogdan Tomenchuk vs Daniela Tomechuk et, deċiza nhar it-12 ta' Diċembru 2019 mill-Qorti tal-Familja, Sezzjoni Familja.
[18] Ara s-sentenza fl-ismijiet Carmel sive Charles Gauci vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et, deċiza nhar it-30 ta' Ġunju 2004.

(iv) Ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-omm, u

(v) Ai termini tal-Artikolu 84 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-iben innifsu.

Għall-kuntrarju tal-azzjonijiet elenkati f'Artikoli 77 u 77A, dawk l-azzjonijiet imsemmija f'Artikoli 70, 77B u 84 tal-Kap 16, ma humiex subordinati għall-Artikolu 81 li jitratta l-kwistjoni tal-pussess ta' stat. Għaldaqstant, mingħajr ma din il-Qorti tidħol fil-mertu tal-presunzjoni legali tal-pussess ta' stat maħluqa permezz tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 u r-relevanza tal-istess fil-preżent, din il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-azzjoni odjerna hija bbażata fuq Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, liema artikolu tal-liġi ma huwiex subordinat għall-Artikolu 81, ma hemmx l-obbligu u n-neċċessità li l-Qorti tevalwa u tikkumenta dwar tali kwistjoni. Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti tiċħad il-ħames eċċezzjoni tad-Direttur konvenut.

Fl-aħħar lok u referibbilment għall-kunjom tal-minuri, b'referenza għat-tmien eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, din il-Qorti tirrileva illi fir-risposta ġuramentata tagħhom, il-konvenuti omm u bintha jitolbu b'mod irregolari illi l-konvenuta C tieħu kunjom ommha *stante* li hija wild ta' missier mhux magħruf u għalhekk iċ-ċertifkat tat-twelid jindika li hija C E. Naturalment, il-Qorti ma tistax tqis dawn it-talbiet.

Il-partijiet qablu fuq dan fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2023.[19] Madanakollu fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2023 il-konvenuta C B tagħmel talba sabiex tiegħu l-kunjom G bħala l-kunjom tal-missier bijoloġiku tagħha. Il-Qorti tfakkar li din hija kawża ta' denegata paternità mhux kawża li tistabilixxi l-paternità, u dak mitlub imur oltre l-parametri tal-kawza, u għalhekk il-Qorti ma tistax tawtorizża dak mitlub mill-konvenuta Mylene B.

Għaldaqstant, din il-Qorti, tenut kont biss dak maqbul bejn il-partijiet fl-udjenza ta' l-1 ta' Ġunju 2023, u taħt il-fakolta' li għandha abbażi tas-subinċiz 8 tal-Artikolu 70 tal-Kap 16 li *"tibdel il-kunjom tal-wild u tad-dixxendenti tiegħu sabiex jirrifletti dak il-kunjom tal-konjuġi l-ieħor biss",*

[19] Fol. 147.

fiċ-ċirkostanzi l-Qorti temmen li jkun idoneju li l-konvenuta Mylene B tieħu kunjom ommha jiġifieri 'E'.

Rigward il-kap tal-ispejjeż, il-Qorti rat illi l-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż hija regolata mill-liġi u ċioé l-Artikolu 223 tal-Kap 12 li jipprovdi hekk:

*"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.*

*(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."*

Il-konvenuta tgħid illi hija qatt ma ċaħdet il-fatt illi l-konvenuta C B ma kinitx bint l-attur u li anke bagħtitulu ittra permezz tal-konsulent legali tagħha sabiex jipprovdi *DNA Paternity Testing Report* sabiex hi tintavola proċeduri l-Qorti f'dan ir-rigward. Dan jidher li ma sarx u l-konvenuta ma proċedietx biex tkun stabbilita l-paternità ta' bintha sabiex imbagħad spiċċa biex intavola l-proċeduri l-attur. Kieku l-konvenuta D *sive* D E fetħet proċeduri hi, xorta kienet ser tinkorri l-ispejjeż iżda issa ma jfissirx illi għax l-attur fetaħ il-proċeduri hu, fiċ-ċirkostanzi għandu jeħel spejjeż hu meta dak li ġara ma rriżultax minn għemil tiegħu u li huwa kien biss il-vittma ta' din ir-relazzjoni bejn martu u terza persuna. Għalhekk il-Qorti ma tarax li għandu jeħel l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri hu.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara illi A *sive* A B, detentur tal-karta tal-identita' X, ma huwiex il-missier naturali u bijoloġiku tal-konvenuta C B;

2. Tilqa' it-tieni talba tal-attur u tordna li għandhom jitħassru d-dettalji tal-attur A *sive* A B mill-Att tat-Twelid ta' C B li jġib in-numru progressiv 4117/2001;

3. Tilqa' it-tmien u s-seba' eċċezzjonijiet tad-Direttur u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa dawk il-korrezzjoni neċessarji fl-Att tat-Twelid ta' C B li jġib in-numru progressiv 4117/2001, b'dana illi l-kunjom tal-konvenuta B mid-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat ikun dak ta' *'E'* u tordna ukoll illi d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku mhux ineħħi isem biss l-attur imma anke l-konnotati kollha tiegħu u jitneħħew ukoll il-kelmiet *"the said"* li jinsabu qabel l-isem A B fejn hemm indikat it-tagħrif dwar l-omm fl-att tat-twelid ta' C B.

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom ikunu sapportati mill-konvenuta D *sive* D E.